# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tallum, it-Tnejn 9 ta' Diċembru, 2024**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 240/2019 MH**

**Numru: 4K**

**Paul Zammit**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Artijiet u b'digriet tad-19 ta' Frar 2020**
**ġie kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent tal-10 ta' Diċembru 2019** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub –

1. *"Illi l-esponenti jikri minghand l-intimat tliet fondi kummercjali barra Bieb il-Belt Valletta, ossia Tenement numru 063158 maghruf bhala Kiosk 3 bil-kera ta' tnejn u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€62.48) fis-sena; Tenement numru 063159 maghruf bhala Kiosk 4 bil-kera ta' mija u sbatax-il Ewro u sittax-il centezmu fis-sena; u Tenement numru 063161 maghruf bhala Kiosk 6, Cubicle F u s-sit ta' bejniethom bil-kera ta' erba' mija u wiehed u hamsin Ewro u erbatax-il centezmu (€451.14) fis-sena, lkoll pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, liema kera tigi awmentata ex lege b'hamsa fil-mija (5%) kull sena.*

2. *Illi l-intimat beda jirrifiuta li jaccetta l-kera tal-propjetà fuq imsemmija peress li gie mniedi il-progett tar-rigenerazzjoni ta' Bieb il-Belt. Fil-fatt permezz ta' ittra datata 17 ta' Novembru 2010, l-intimat informa lir-rikorrenti li minhabba dan il-progett, kienu ser jigu effetwati il-fondi kummercjali ossia hwienet, gabbani, cubicles u kiosks ta' barra Bieb il-Belt u li konsegwentament, il-kirjiet tal-fondi mikrija lilu ma kienux ser jigu mgedda wara l-31 ta' Dicembru 2010.*

3. *Illi r-rikorrenti kien jiggestixxi n-negozju tieghu u jaqla' l-ghajxien tieghu u ta' familtu minn dawn l-imsemmija kiosks u cubicles, tant li kellu l-licenzji kollha mehtiega sabiex jaghmel dan, liema licenzji baqghu jigu rikonoxxuti u ghadhom validi sal-lum.*

4. *Illi sabiex jimmitiga l-effetti li dan il-progett kien ser ikollu fuq l-individwi li kienu jiggestixxu n-negozji taghhom mill-fondi kummercjali propjetà tal-Gvern li kienu jinsabu barra Bieb il-Belt, il-Gvern offra kumpens ex gratta lil tali individwi bhala terminal benefit fl-ammont ta' hamsin elf Ewro (€50,000), filwaqt li alloka fondi altemattivi lil ohrajn, u dan kif ser jigi ampjament ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.*

5. *Illi tenut kont tal-fatt li l-esponenti kellu aspettativa legittima ragjonevoli li ser jigi kkumpensat, l-esponenti kkuntattja lill-intimat, sabiex tkun tista' tigi mistharrga u nnegozjata din il-proposta tal-Gvern u sahansitra anke interpellah formalment permezz tal-Ittri Ufficjali numri 2590/2017, 4596/2017, u 725/2019, liema ittri gew debitament notifikati lill-istess intimat, izda dan baqa' inadempjenti.*

6. *Illi fl-istess hin, l-esponenti dejjem baqa' jiddepozita l-kirjiet taht l-awtorità ta' din l-Onor. Qorti, permezz ta' cedoli ta' depozitu relattivi, stante li l-intimat baqa' jirrifjuta il-hlas tal-kirjiet relattivi.*

7. *Illi fil-frattemp, l-intimat waqqaf kull negozjati li kien qed jaghmel mal-esponenti, filwaqt li ghadda ghall-hlas ta' kumpens ex gratia lill-okkupanti tal-fondi kummercjali l-ohra ossia hwienet, gabbani, cubicles u kiosks ta' barra Bieb il-Belt, jew allokalhom fondi kummercjali alternattivi, xi whud minnhom ukoll fl-istess akwata ta' Bieb il-Belt.*

***Raguni ghat-TaIbiet f'dawn il-Proceduri***

8. *Illi l-esponenti ma rcieva ebda kumpens u lanqas ma gie offrut xi fond kummercjali alternattiv minghand l-intimat, minkejja li l-okkupanti tal-fondi kummercjali l-ohra ossia hwienet, gabbani, cubicles u kiosks ta' barra Bieb il-Belt gew ikkumpensati u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri;*

9. *Illi ghalhekk, l-agir tal-intimat versu l-esponenti huwa wiehed diskriminatorju u leziv ghad-drittijiet fundamentali tal-istess esponenti stante li hu qed jinghata trattament differenti minghand l-intimat u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, partikolarment bi ksur tal-artikoli 45 u 14 rispettivament;*

10. *Illi inoltre, l-esponenti garrab, qieghed igarrab u/jew jista' jgarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana stante li hu gie pprivat mill-godiment pacifiku tal-propjetà mikrija lilu, minghajr ma nghata ebda kumpens xieraq;*

11. *Illi r-rikorrenti jiddikjara li huwa jaf personalment b'dawn il-fatti.*

***Talbiet***

*Jghid ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, kif ukoll ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex:*

*I. Tiddikjara li r-rikorrenti garrab, qieghed igarrab u/jew jista' jgarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar*

*id-Drittijiet tal-Bniedem u dana minhabba l-agir diskriminatorju tal-intimat;*

2. *Tiddikjara li r-rikorrenti garrab, qieghed igarrab u/jew jista' jgarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana stante li hu gie pprivat mill-godiment pacifiku tal-propjetà mikrija lilu, minghajr ma nghata ebda kumpens xieraq;*

3. *Konsegwentament tordna lill-intimat ihallas lill-esponenti kumpens f' ammont ta' flus li ghandu jigi likwidata minn din l-Onor. Qorti ghat-tehid tal-fondi kummercjali msemmija u cioè Tenement nurnru 063158 maghruf bhala Kiosk 3; Tenement numru 063159 maghruf bhala Kiosk 4; u Tenement numru 063161 maghruf bhala Kiosk 6, Cubicle F u s-sit ta' bejniethom; u*

4. *Tordna lill-intimat ihallas lill-esponenti is-somma hekk likwidata..*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-Ittri Ufficjali tal-20 ta' Lulju 2017, tal-11 ta' Dicembru 2017 u tas-26 ta' Frar 2019, u bl-imghaxijiet relattivi sad-data tal-hlas kontra l-intimat, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat **ir-risposta tal-intimata Awtorita' tal-Artijiet tas-7 ta' Frar 2020**[1] li

permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *"Illi preliminarjament l-Awtorita' tal-Artijiet ma hix il-legittimu kontradittur u ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' tal-Artijiet ma ghandhiex twiegeb ghat-talbiet attrici;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur naqas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli lilu;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma sehhet ebda lezjoni ta' xi dritt fundamentali tal-attur, la fir-rigward tat-tgawdija tal-proprjeta' u wisq inqas fir-rigward ta' xi agir diskriminatorju;*

[1] Fol 10 et seq

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm ebda lok ta' hlas ta' kumpens jew danni u ghalhekk t-talbiet kollha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma kellu ebda titolu fuq il-fondijiet mertu tal-kawza odjerna;*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma kienx qed jaghmel uzu mill-fondi relattivi;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull ftehim konkluz ma' terzi dejjem jekk jezisti huwa res inter alios acta;*

9. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kemm-il darba l-atturi qieghed jippretendi xi forma ta' danni dawn huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 ta' Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

10. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kull kaz, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

11. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

12. *Bl-ispejjez."*

Rat **ir-risposta tal-kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat tal-21 ta' Lulju 2020**[2]

li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *"Illi l-esponent jirrespingi l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.*

2 .*Illi preliminarjament jigi eccepit li l-Avukat tal-Istat m'huwiex il-legittimu kontradittur tal-vertenza odjerna;*

3. *Illi preliminarjament r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda titolu fuq il-kiosks mertu ta dan il-kaz u fi kwalunkwe kaz huwa r-rikorrent li jrid igieb prova tat-titolu;*

---

[2] Fol 18 et seq

*4. Illi fi kwalunkwe kaz r-rikorrenti ma jistghux jistriehu fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan ghaliex dawn l-artikoli mhumiex applikabbli ghas-sura tal-kaz li ghandna quddiemna. Illi huwa accettat kemm mill-gurisprudenza nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-ligijiet li jaghtu setgha lill-Istat li jiehu artijiet/proprjeta huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjeta' demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvillup socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita'. F'sentenzi fosthom* ***Anthony Pullicino et vs L-Avukat Generali et*** *gie osservat illi :*

*'Hu pacifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Infatti l-Kostittuzzjoni tipprovdi li ebda haga fl-Artiklu 37, li jenuncja l-jedd fundamentali ta' l-individwu kontra t-tehid obbligatorju tal-proprejta' tieghu, « m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew il-hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' … ».Fl-istess vena l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, li wkoll jenuncja l-istess dritt, jipprovdi li d-disposizzjonijiet f'dak l-artikolu « m'ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta' skond l-interess generali'.*

*5.Illi ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u cioe' l-ilment mibni fuq allegata diskriminazzjoni, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma jindikawx fuq liema kawzali jew stat huma allegatament gew diskriminati. Lanqas ma jabbinaw iddiskriminazzjoni ma' xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali l-ohra protetti bil-Konvenzjoni. Illi ghalhekk fuq dawn ir-ragunijiet biss l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jigi kkunsidrat. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu ulterjormment illi huwa necessarju illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qieghed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament differenti sabiex il-paragun isir fuq il-bazi ta' 'like with like'. Illi jsegwi ghalhekk li anke dan l-ilment tar-rikorrenti ghandu jigi michud.*

*6.Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-provi tal-partijiet u s-sottomissjonijiet magħmula.

Rat l-atti tal-proċeduri allegati Rik Nru 1081/17 fl-ismijiet *Paul Zammit vs Id-Direttur tal-Artijiet* li ġew ċeduti fis-7 ta' Novembru 2019.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li huwa sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artioli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u l-artikolu 14 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni"). Dan b'riżultat tal-fatt li b'rabta mal-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Bieb il-Belt Valletta huwa ma rċieva mingħand l-Istat ebda kumpens u lanqas ġie offrut xi fond kummerċjali alternattiv minkejja li okkupanti ta' fondi kummerċjali oħra ta' ħwienet, gabbani, cubicles u kiosks ta' barra Bieb il-Belt ġew ikkumpensati jew offruti fondi alternattivi. Huwa qed jitlob kumpens finanzjarju sabiex jagħmel tajjeb għal dawn l-allegazzjonijiet.

Minn naħa tagħhom l-Awtorita' tal-Artijiet u l-Avukat tal-Istat jirrespinġu l-pretensonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## A. PROVI

Mill-atti jirriżulta li –

1. Fil-perjodu bejn l-1956 u l-1964, missier ir-rikorrent Joseph Zammit kien ġie rikonoxxut mill-Istat bħala l-inkwilin tal-kiosks numru 3, 4 u 6 ġewwa Bieb il-Belt Valletta. Wara mewtu, Paul Zammit ressaq talba fid-9 ta' Diċembru 1977 sabiex il-kirjiet ta' dawn il-kiosks jiġu trasferiti lilu. Din it-talba ntlaqgħet fit-18 ta' Jannar 1978 b'dana li t-trasferiment tal-kirjiet għaddew għandu taħt l-istess kundizzjonijiet li kellu missieru;

2. Sadanittant fl-4 t'Awwissu 1977 ir-rikorrent kien kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet[3] fejn ilmenta li l-kiosk numru 6 (li minnu jbiegħ l-affarijiet skont dak permess lilu) kien wisq żgħir u li għalhekk kien qed itellfu mill-kompetizzjoni li teżisti fil-lokal. Huwa talab li jibdel il-kiosk numru 3 (li kien jużaha bħala store tal-affarijiet li kien ibiegħ mill-kiosk numru 6) ma cubicle F li kien ftit il-bogħod minn kiosk 6, liema cubicle ma kienx

[3] Fol 299

okkupat. Dan sabiex jgħaqqad il-kiosk 6 ma' cubicle F u b'hekk ikabbar l-ispazju u l-kumditajiet;

3. Fid-29 ta' Diċembru 1980, d-Dipartiment tal-Artijiet ikkonċeda lir-rikorrent l-cubicle F u l-art pubblika bejn il-kiosk 6 u l-cubicle F[4];

4. Fis-sena 2010 id-Dipartiment tal-Artijiet ġie nfurmat mill-Awtorita' tat-Trasport f'Malta li ser isir proġett ta' riġenerazzjoni ta' Bieb il-Belt. Fuq struzzjonijiet mogħtija lilu, fis-17 ta' Novembru 2010, id-Dipartiment imsemmi bagħat ittri lir-rikorrent[5], fost oħrajn, permezz ta' liema nfurmahom li ma kinitx l-intenzjoni tal-Gvern li jġedded il-kirjiet tal-fondi mikrija lilhom wara l-31 ta' Diċembru 2010. Il-kerrejja ġew għalhekk mitluba sabiex ineħħu l-affarijiet kollha li kellhom u jirritornaw iċ-ċwievet lid-Dipartiment sa mhux aktar tard mill-10 ta' Jannar 2011. Fin-nuqqas l-affarijiet kienu ser jitneħħew mid-Dipartiment a spejjeż tal-istess kerrejja u kienu ser jittieħdu passi legali kontrihom, inkluż żgumbrament;

5. Peress li x-xogħlijiet fuq il-proġett ta' Bieb il-Belt ittardjaw aktar milli oriġinarjament previst, il-Kummissarju tal-Artijiet ikkonċeda lir-rikorrent,

[4] Fol 300
[5] Fol 307 et seq

fost oħrajn, encroachment permit fuq il-fondi in kwistjoni b'effett mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2011;

**6.** Minkejja l-iskadenza ta' dan it-terminu, u peress li l-proġett iddilunga aktar biex beda, ħafna mill-okkupanti tal-kiosks baqgħu jokkupawhom u joperahom. **Il-Gvern ippermetta dan b'mera tolleranza;**

7. Fil-frattemp, u b'rabta ma' dan il-proġett, il-Kabinett approva skema ta' żewġ għażliet a favur l-operaturi tal-kiosks li kienu attwalment għadhom joperaw u jaqilgħu l-għixien tagħhom minnhom . L-ewwel għażla kienet l-għoti ta' kumpensa ta' €50,000 *ex gratia* u t-tieni għażla kienet li jingħataw kiosk alternattiv. Ġie deċiż minn Transport Malta bħala Project Leaders dawn iż-żewġ għażliet ma jiġux offruti lil dawk il-kiosks li ma kinux qed joperaw kif ukoll li dawk il-kiosks li kienu qed jintużaw bħala storage spaces;

8. Fuq ammissjoni tiegħu stess ir-rikorrent xehed li huwa kien waqaf jopera mill-kiosks/cubicle ta' Bieb il-Belt sa minn meta daħlet il-liġi tal-VAT circa 1995/1996[6];

[6] Fol 270 et seq

9. Infatti minn spezzjonijiet li kienu saru mill-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Artijiet , il-kiosks tal-attur dejjem instabu magħluqin u kienu fi stat ta' abbandun;

10. Fis-sena 2016, intbagħtu wkoll ittri lir-rikorrent permezz ta' liema ġie dikjarat li huwa kien qiegħed jokkupa dawn il-fondi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u għalhekk ġie mitlub jiżgombra[7]. Minkejja dawn l-interpellazzjonijiet, inkluż Ordni ta' Żgumbrament b'affissjoni, r-rikorrent ma ottemprax ruħu;

11. Kien għalhekk li l-uffiċjali tal-infurzar tad-Dipartiment tal-Artijiet, bis-saħħa tal-poteri li ttihom il-liġi, sgassaw il-kiosks u meta daħlu sabuhom fi stat ta' abbandun u diversi prodotti skaduti, kif BEN U SEW jixhdu r-ritratti a fol 331 et seq;

12. Fil-frattemp ir-rikorrent kien baqa' jiddepożita l-kera fil-Qorti, u peress li baqa' ma vvakax il-kiosks, f'Marzu 2017 marru jnaddfuhom u battlu l-prodotti kollha li ttieħdu fl-istore tad-Dipartiment;

[7] Fol 329 et seq

13. Huwa paċifiku li r-rikorrent ma bbenefika minn ebda waħda mill-għażliet. Huwa jsostni li dan seħħ b'diskriminazzjoni kontrih meta mqabbel ma' operaturi oħra tal-kiosks li kkwalifikaw għal din l-iskema ta' għażliet. Minn naħa l-oħra r-rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Artijiet xehdu li huwa ma kien intitolat li jibbenefika minn ebda skema ta' għażla peress li kien abbanduna dawn il-kiosks minnn ħafna snin qabel u ma kienx baqa' joperahom u kwindi ma setax jitqies li sofra xi telf ta' qliegħ jew preġudizzju b'riżultat tal-proġett ta' Bieb il-Belt.

## B. <u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>

1. **Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' tal-Artijiet** u **fit-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat**, qed jiġi argumentat li ebda wieħed minnhom ma hu l-leġittimu kontradittur għall-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent.

**L-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, fis-subartikoli (1) u (2) tiegħu jipprovdi hekk -

*(1) "Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Fil-ġurisprudenza in materja fosthom fil-każ **Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et deċiż fil-15 ta' Diċembru 2017**[8] ingħad hekk -

*"Kif qalet riċentement din il-Qorti stess fil-każ **Joseph Grech et vs Nikka Developments Company Limited et** deċiż fit-3 ta' Novembru 2017 -*

*Dwar l-argument tas-soċjeta' li hija mhijiex legittimu kontradittur, kif qalet din il-Qorti fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciz fit-28 ta' Settembru 2016**[9] -*

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta'*

[8] Rik Kost 14/15
[9] Rik Gur 700/14

*ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[10] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[11]**.**

*Inoltre fil-każ* ***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008***[12] *ingħad li -*

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-fattispeċje tal-każ odjern il-Qorti ssib li ebda waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet ma hi ġustifikata.

L-Avukat tal-Istat huwa leġittimu kontradittur stante li kif irriżulta mill-provi, id-deċiżjoni li biha ġiet approvata l-iskema ta' żewġ għażliet a favur l-operaturi tal-

[10] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[11] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell
[12] Cit Nru 1236/07

kiosks li kienu baqgħu joperaw ittieħdet mill-Kabinett. Għalhekk l-Avukat tal-Istat għandu jirrappreżenta lil din il-fergħa tal-Istat tal-kawża.

Minn naħa l-oħra, l-Awtorita' tal-Artijiet u l-predeċessuri tagħha kienu direttament involuti fit-twettiq tad-deċiżjoni meħuda mill-Kabinett u fil-proġett ta' Bieb il-Belt u kwindi anke hija għandha tibqa' parti fil-kawża.

**Dawn l-eċċezzjonijiet sejrin għalhekk jiġu miċħuda.**

2. **Fit-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet** ġie argumentat li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli għalih. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha elaborat li r-rikorrent kien imissu ntavola proċeduri ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema kien jitlob stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv fiż-żmien li ġiet komunikata lilu d-deċiżjoni tal-Gvern.

Ingħad hekk fil-każ **Mashuk Miah et vs L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et deċiż fl-4 t'Ottubru 2022 u konfermat mill-Qorti tal-Appell fil-15 t'Ottubru 2024 -**

> *"44. Il-Qrati nostrana serrħu b'mod kostanti d-deċiżjonijiet tagħhom fuq il prinċipji enunċjati u kjarifikati mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet*

> ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et**, u cioe:*
>
> *(......)*
>
> *...... l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur tagħhom) ma setgħux jiftħu kawża ordinarja għal stħarriġ ġudizzjarju taħt is subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti taħt il Kostituzzjoni, għax dak is-subartikolu jirreferi għal ksur tal Kostituzzjoni minn egħmil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta għall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jiġi mistħarreġ mill-qrati ordinarji. [...]"*
>
> *45. Jirriżulta b'mod ċar lil din il-Qorti illi l-ilmenti tar-rikorrenti huma bbażati preċiżament fuq egħmil amministrattiv illi r-rikorrenti qed jallegaw illi kiser id-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, kif protetti mill Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, għalhekk, b'applikazzjoni tal-prinċipji legali suesposti għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tikkonkludi illi l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu mistħarrġa minn din il-Qorti fil-kuntest tal-Artikolu 469A(1)(a), u dan stante illi huma marbuta ma' u bbażati fuq allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom."*

Fil-każ odjern ukoll, ir-rikorrent qed jallega li għemil amministrattiv kiser id-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti fl-artikolu 37 u 45 fil-Kostitzzjoni u l-artikolu 14 u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni. Kwindi u għar-raġunijiet appena ċitati, l-ilmenti tar-rikorrent ma jistgħux jiġu mistħarrġa ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12.

**L-eċċezzjoni hija miċħuda.**

## **Ċ. <u>MERTU</u>**

**Fl-ewwel żewġ talbiet** ir-rikorrent jallega li huwa sofra trattament diskriminatorju mill-Istat stante li kuntrarjament għal dak li ġara ma operaturi oħra, huwa la rċieva kumpens u lanqas fondi kummerċjali alternattivi b'rabta mal-proġett ta' Bieb il-Belt. Dan it-trattament allegatament wassal ukoll għall-ksur tad-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta' mingħajr ma ngħata kumpens xieraq.

**L-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk –

*"Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b`mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta` liġi applikabbli għal dak itteħid ta` pussess jew akkwist –*

*(a) għall-ħlas ta` kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta` aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta` kull kumpens li għalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta` dak il-kumpens; u*

*(c) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta` appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f`Malta:*

*Iżda f`każijiet speċjali l-Parlament jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b`liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk. »*

Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-każ **Joseph Schembri et vs Avukat tal-Istat et deċiż fil-15 ta' Lulju 2024 -**

> *"17. Illi din id-dispożizzjoni għalhekk testendi t-tutela tagħha fir-rigward ta' kwalsiasi teħid ta' pussess jew ksib ta' interess jew dritt fi jew fuq proprjetà b'mod obbligatorju. It-tifsira klassika tad-dritt ta' proprjetà hija riflessa fl-artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili. Fil fehma ta' din il-qorti, l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 37 senjatament fid-dawl tat-tifsira ta' "proprjetà" skont il-liġi ċivili tagħna għandha twassal għall-konklużjoni li d-dritt ta' proprjetà, u kull dritt u interess fi jew fuq proprjetà, jinkludu neċessarjament l-użu u t-tgawdija tal-ħaġa. Meta allura l-Istat b'xi mod ikun effettivament u sostantivament qiegħed jieħu mingħand is-sid id-dritt li juża mill-proprjetà tiegħu kif jixtieq u kif irid, ikun ifisser li seħħ teħid tal-pussess fuq dik il-proprjetà, kif ukoll ksib ta' interess jew dritt fi u fuq dik l-istess proprjetà, u dan b'mod obbligatorju."*

**L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha.*
>
> *Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku ġu bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*
>
> *Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex* ***jikkontrolla l-użu tal-proprjeta`*** *skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.".*

Kif ingħad fil-każ **Anthony Zammit et vs L-Avukat Ġenerali et deċiż fit-30 ta' Settembru 2021 -**

> *"Dan l-Artikolu huwa artikolat fuq tlett principji:*

*i) Kull persuna, sew dik naturali kif ukoll dik morali, ghandha dritt ghat tgawdija tal-proprjeta b'mod pacifiku;*

*ii) Tnaqqis fit-tgawdija tal-proprjeta jista` jkun biss gustifikat jekk jintwera li jkun sar fl-interess pubbliku. Dan mhuwiex dritt assolut u huwa soggett ghal kondizzjonijiet mahsuba fil-ligi u ghall-principji ta' dritt internazzjonali. Min ikun imcahhad huwa ntitolat ghal kumpens xieraq;*

*iii) L-Istat ghandu d-dritt li jghaddi ligijiet sabiex b'mod xieraq jikkontrolla l uzu tal-gid fil-interess pubbliku."*

**L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** fil-parti rilevanti tiegħu għall-fini tal-każ tal-lum jipprovdi hekk –

*"(1) ....ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha." waqt illi fit-tieni subartikolu jghid illi : "ħadd ma għandu jiġi trattat b`mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta` xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta` xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika."*

*[.....]*

*(3) F'dan l-artikolu il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta` trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta` oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta` deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta` deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta` deskrizzjoni oħra bħal dawn."*

**L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk -

*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali,assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor."*

Dwar dawn iż-żewg artikoli, fil-każ **Michael Anthony Henley vs Il-Prim Ministru et deċiż fil-15 ta' Frar 2002** ingħad hekk –

*"[f]ilwaqt illi l-Artikolu 45 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-liġijiet in ġenerali, fl-effetti tagħhom u fl-applikazzjoni tagħhom (eż. minn uffiċjali pubbliċi), l-Artikolu 14 jiggarantixxi biss mid-diskriminazzjoni "it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati [fil-] Konvenzjoni". Dritt jew liberta` li ma jaqax jew ma taqax raġjonevolment b'xi mod fl-ambitu ta' xi wieħed mill-Artikoli 2 sa 13 tal-Konvenzjoni ma jistax ikun is-suġġett ta' tutela taħt l-Artikolu 14."*

Ingħad ukoll fil-każ **Il-Pulizija vs John Aquilina et deċiż fit-23 ta' Lulju 2008-**

*"[b]iex jiġi mistħarreġ l-ilment taħt l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti jidhrilha xieraq li jingħad illi llum il-ġurnata huwa stabbilit sewwa illi biex jitqies illi jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna, jeħtieg jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha, (c) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġjonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita` bejn l-għan mixtieq u l-mezz uzat."*

Mis-suespost jirriżulta li l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'għandux eżistenza u applikazzjoni awtonoma iżda jeħtieġ li jkun marbut ma' xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni. Fil-każ odjern ir-rikorrent qed jallaċja dan l-artikolu 14 ma l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

Fil-każ **Joseph Micallef et vs Avukat Ġenerali et deċiż fl-1 ta' Lulju 2020** il-Qorti qalet hekk –

*Fil-każ ċitat ta'* ***Amato Gauci vs. Malta****, il-Qorti ddeskriviet is-sitwazzjoni b'dan il-mod:*

> *"The Court reiterates that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (Petrovic vs Austria, 27 March 1988).*
>
> *The Court reiterates that discrimination means treating differently without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations ... However not every difference in treatment will amount to a violation of Article 14. It must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment and that this distinction is discriminatory."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji tal-ġurisprudenza l-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet għall-fini tal-każ odjern -

1. It-termini u l-kundizzjonijiet tal-kirjiet tal-kiosks/cubicle ta' Bieb il-Belt kienu ċari għall-kerrejja, inkluż ir-rikorrent u qablu missieru. Fost il-kundizzjonijiet tal-kirja, il-klawsola numru 18 tal-kuntratt[13] kienet tipprovdi li l-Kummissarju tal-Art, jew xi ħadd ieħor għalih, kellu s-setgħa li jittermina l-kirja f'kull każ permezz ta' ittra;

2. Fil-mument li f'Novembru 2010 l-Kummissarju tal-Art eżerċita dan il-poter mogħti lilu mill-kuntratti relattivi u ttermina l-kirjiet b'ittra, ir-

[13] Fol 50 tal-proċess allegat Rik Nru 1081/17

rikorrent kien diġa' ilu circa 14 -il sena ma jopera l-kiosks/cubicle. Kien baqa' jħallas il-kirja u jiddepożitaha l-Qorti u xejn aktar;

3. Mhuwhiex kontestat li l-proġett ta' Bieb il-Belt, inkluż ir-rilokazzjoni tal-kiosks u cubicles sar fl-interess pubbliku;

4. Il-Gvern qua s-sid ta' dawn il-fondi kummerċjali mhux biss ippermetta li stabbilimenti kummerċjali jibqgħu miftuħin anke wara dak il-perjodu b'mera tolleranza, iżda wkoll wiegħed ħlas *ex gratia* u mhux għax kellu xi obbligu jaghmel dan, iddeċieda li joffri skema ta' żewġ għażliet u ċioe' jew kumpens finanzjarju jew fondi kummerċjali alternattivi lill-kategorija ta' operaturi li f'dak l-istadju kienu għadhom qed joperaw il-kiosks u dan sabiex itaffilhom ftit mill-impatt fuq is-sors tal-għixien tagħhom minħabba dan il-proġett kapitali. Din ir-regola għal-eliġibilita' tal-operatur għall-iskema msemmija, kienet tapplika għal kulħadd l-istess b'mod indiskriminat kif irriżulta mill-provi;

5. Ukoll, u bħala parti mill-istess deċiżjoni tal-Gvern, ġew esklużi mill-iskema dawk li ma kinux qed jagħmlu użu mill-kiosks u dawk li kienu jużawhom biss għall-fini ta' storage. Għal darb oħra din id-deċiżjoni kienet tapplika ugwalment għall-operaturi kollha;

6. In-nuqqas ta' eliġibilita' tar-rikorrent għal din l-iskema kienet naxxenti mill-fatt li fil-mument meta ħarġet din l-iskema, huwa ma kienx għadu jopera l-kiosks u cubicle (apparti l-fatt li kiosk minnhom kien jużaha għall-istorage tal-affarijiet). B'żieda ma' dan, kif anke jixhdu r-ritratti esebiti, il-fondi tħallew fi stat ta' abbandun;

7. Filwaqt li r-rikorrent jilmenta li huwa ġie trattat b'mod differenti minn operaturi oħra, huwa ma ressaqx evidenza ta' 'like with like'; infatti ma ressaqx provi li operaturi oħra li kienu fl-istess sitwazzjoni tiegħu fejn kienu waqfu joperaw kompletament, spiċċaw biex ibbenefikaw minn dik l-iskema. Għalhekk it-trattament diskriminatorju ma jirriżultax;

8. Għall-fini tal-artikolu 45 tal-Kostitizzjoni dan ma jistax jitqies applikabbli għall-każ odjern peress li l-allegazzjoni tar-rikorrent ma tiffigurax f'xi waħda mill-bażijiet ta' diskriminazzjoni msemmija fl-artikolu msemmi;

9. Jiġi sottolineat ukoll li l-Istat għandu dritt jestabilixxi kriterji li a bażi tagħhom persuna tkun intitolata o meno li tibbenefika mill-iskema msemmija stante li din tifforma parti mid-diskrezzjoni wiesgħa tiegħu;

10. Għalkemm l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa meqjus applikabbli, ma rriżulta li hemm ebda trattament differenzjali fil-konfront tar-rikorrent li jista' remotament iwassal għal ksur ta' drittijiet fundamentali;

11. Jingħad ukoll li għalkemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni huma applikabbli għall-każ odjern, ma jistax jingħad li hemm xi ksur ta' dawn l-artikoli għax kien ir-rikorrent stess li minn jeddu rrinunzja għat-tgawdija tal-proprjeta' meta, minkejja li baqa' jħallas il-kirja, huwa ma baqax jopera fil-fond kummerċjali in kwistjoni sa minn ferm qabel ma beda l-proġett ta' bieb il-Belt.

Raġġunti dawn il-konklużjonijiet il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrent ma jimmeritawx li jiġi akkolti.

Konsegwentement ser jintlaqgħu l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata u tal-kjamat fil-kawża li huma kompatibbli ma' dak deċiż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita' ntimata filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha safejn kompatibbli ma' dak deċiż;**

**2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu safejn kompatibbli ma' dak deċiż;**

**3. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**